
SHAB

L-art kienet sħuna ma' darhu. Fetaħ idejh beraħ u anke saqajh u beda' jħoss is-sħana tielgħa ma' ġismu kollu. Għalaq għajnejh u l-uniku ħoss li sema' kien ta' qalbu tħabbat. *Bum, bum, bum*. Għaliex kienu jgħidu li qalbek tħabbat sitta sitta? *Bum, bum, bum, bum, bum, bum, bum, bum* … Hemm araha, baqgħet sejra bla ma waqfet anke meta ħabbtet sitta wara xulxin. Xtaq li kieku ma tibqax tħabbat daqshekk bis-saħħa u ħa nifs qawwi biex jipprova jikkwietaha.

Fetaħ għajnejh. Kien mixħut fl-art fid-dell tal-kamra tal-bejt. Ix-xemx, li kienet tiżreġ waqt dak il-ħin tal-ġurnata, kienet qiegħda tħabbat fuq in-naħa l-oħra tal-kamra, imma mhux fejn kien hu. Kienet għaddejja żiffa ħelwa donnha magħmula apposta biex tmellislu moħħu, li kien kiesaħ u għarqan. Idejh dawwarhom bil-pala ċatta mal-art ħarxa tal-bejt. Sħuna. Kollha trab. Ara kieku tarah ommu xi tgħidlu! "X'qiegħed tagħmel hemm fl-art? Qum għax ha timtela bit-trab!" Dejjem kien idejjaqha t-trab, u iżjed kienet issibhom! Bħal dik id-darba meta ta' ħdejhom kienet iddeċidiet li tbiddel il-faċċata tad-dar u mliethom bit-trabijiet. U biex tgħaxxaq, 'qas kienet avżathom bil-pjanijiet li kellha. Dakinhar kienu marru ġurnata baħar. Ħarġu u ħallew it-twieqi tal-gallarija miftuħin. Dak trab li kien daħal. U erħilha tgerger il-mamà. Bilkemm ma



kienx weħel huwa għax ma fakkarhomx jagħlqu t-twieqi!

Ix-xemx ma kinetx qiegħda tmissu, imma s-sħana ta' ma' dahru qabbditu n-ngħas. Għalaq għajnejh, imma ftakar fis-sema u reġa' fetaħhom. Kemm kien blu. In-nannu kien jgħidlu ikħal. Ikħal – kaħla … Forsi għalhekk it-tbenġila li kien għamel fuq siequ meta waqa' minn fuq il-banketta għand in-nanna kienet kuħħala. Għax meta tibda' tidher tkun kaħla. Ġibed siequ 'l fuq u ra li l-kuħħala kienet saret ħadra.

Iċċassa jħares lejn dak il-kulur. Ikħal perfett. Iżjed ma beda jħares fiss, iżjed beda jara kuluri jiffurmaw, tidwir ta' kuluri differenti, jittantawh u fl-aħħar jgħammxuh. Ma felaħx iżomm għajnejh miftuħin aktar u għalaqhom għal ftit sekondi.

Qalbu kienet waqfet minn dak it-taħbit